Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 98 / 2017

Il-Pulizija

Vs

Alfred Zammit

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Alfred Zammit detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 474862 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-19 ta' Novembru 2014, ghal habta ta' 08.00 ta' filghodu, gewwa Triq Pantar, Lija:

1. B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lee Farrugia;

2. B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti fil-professjoni teighu, jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor ta' haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Lee Farrugia; u

3. Saq vettura b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b' mod perikoluz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Frar, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15 (1) (a) (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 u Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat **Alfred Zammit** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief ghal sewqan perikoluz, u ikkundannatu ghal multa ta' tlett elef ewro (EUR 3,000) flimkien ma' sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tmient ijiem (8) dekorribbli minn nofs il-lejl ta' ghada.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Alfred Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx htija ghal sewqan perikoluz u thassar u tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqhu dik ta' tlett elef euros (euros 3,000) u s-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tmient ijiem u minflok ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok fatt mportanti hafna li jidher li gie skartat mill-ewwel Onorabbli Qorti huwa l-fatt li l-ispot of impact sar fuq il-karreggjata l-ohra tat-triq jigifieri fuq in-naha fejn kien gej l-ongoing traffic. Dan gie ikkoraborat minn Lee Farrugia stess meta qal li "ma stajt nghaddi minn imkien u ppruvajt nevitah billi nikser fuq il-lemin izda ma

kellhiex cans u b' hekk hbadt gol-pilastru". Anki mill-filmat jidher car fejn sar l-impatt. L-impatt sar fuq in-naha l-ohra tat-triq billi s-sewwieq tal-mutur kiser fuq in-naha opposta tat-traffiku u hemm sar l-impatt. Dan juri bic-car illi l-esponenti kien gja hareg mill-karreggjata li kien fiha Lee Farrugia is-sewwieq tal-mutur u jidher car ukoll illi l-istess Lee Farrugia kien qieghed isuq b' certa velocita. Id-danni fiziki juri bic-car li Lee Farrugia is-sewwieq tal-mutur kien qieghed isuq b' certa velovcita. Dik it-triq, hija triq twila u tibda izzid il-velocita mat-triq u propju sar l-impatt. Fix-xhieda tieghu Lee Farrugia ammetta li dar fuq il-lemin, manuvra li hija illegali ghax qasam il-karregjata ghax qal li is-sewwieq tal-BMW ghalaqli minn fejn stajt nghaddi xi haga li mhiex veritiera ghax l-esponeneti kien lahaq ghadda ghal fuq il-karregjata tan-naha l-ohra u li kieku Lee Farrugia kien qiegehd isuq bil-mod seta' facilment jiskapulah u jghaddu minn warajh u jibqa jghaddi ghall-ghonq it-triq jigifieri fi triqtu;

2. Illi haga importanti huwa l-fatt li kien is-sewwieq tal-mutur li dahal fil-BMW u ma kienx id-driver tal-BMW li dahal fil-mutur. U kieku l-esponenti dahal fil-mutur wiehed jista' jasal ghall-konkluzzjoni li l-esponeneti kien qieghed isuq bla kont imma bhala fatt kien is-sewwieq tal-mutur li dahal fil-BMW u dan gie kkagunat billi qaleb ghall-karreggiata l-ohra, jigifieri dak li qal Lee Farrugia li ma kellux minn fejn jghaddi hija inverosimili. Li kieku kien ghaddej bi speed normali kien jilhaq jghaddi wara l-BMW pero minhabba l-ispeed eccessiv li kien ghaddej bih ma setaqx jiskapolah u dahal fih.

3. Illi ghar-rigward il-proper look out huwa minnu li s-sewwieq ghandu jkollu plain view u l-esponenti kellu plain view pero tara mutur fil-boghod huwa difficili tara b' liema speed ikun ghaddej u minkejja li l-esponenti hareg u mar fuq iI-karregjata l-opposta kien propju Lee Farrugia li dahal fil-BMW fuq in-naha l-opposta. Li gara kien li Lee Farrugia is-sewwieq tal-mutur meta ra l-BMW quddiemu ha d-

decizjoni sabiex jipprova jiskapulah u mar fuq id-direzzjoni opposta minflok naqqas l-ispeed ghax haseb li ser jevitah u minflok dahal fil-BMW li kien lahaq mar ghal fuq il-karregjata l-ohra.

4. Illi l-esponenet ma jaqbilx mal-konkluzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn kkonktudiet li l-kwerelant m' ghandhux jigi mghobbi bi htija kontributorja. Huwa car kemm mill-filmat kif ukoll minn kif sar l-incident li Lee Farrugia is-sewwieq tal-mutur kien qieghed isuq b' certu velocita. Dan jista' jigi konkluz bil-konsegwenza tal-incident u l-dizabilita li sofra li jinkludi ksur tal-ghadma tal-qasba ta' siequ tal-lemin, kellu kontuzjoni tas-sieq tax-xellug, ferita lacero kontuza tal-koxxa tax-xellug u ksur tas-suba l-kbir li juri mpatt sostanzjali. U kieku kien ghaddej b' velocita anqas kien seta' jibbrekja u jew jghaddi wara l-BMW go triqtu. Il-fatt li ghamel il-manuvra u mar fuq il-karregjata opposta juri li din kienet ir-raguni tal-impatt.

Ikkunsidrat;

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta jishaq illi kien l-parti leza li habat fih bil-mutur tieghu meta kien qed isuq b'velocita eccessiva tant illi ma setax iwaqqaf tempestivament meta l-appellanti biddel id-direzzjoni fis-sewqan tieghu. Kwindi l-Ewwel Qorti, fil-fehma tieghu, qatt ma setghet issib htija fl-appellanti ghar-reat tal-offiza involontarja billi ma kienx b'xi nuqqas ta' prudenza, jew negligenza da parti tieghu illi sehh is-sinsitru stradali mertu ta' dan il-kaz.

Illi "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwiex id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi

ta’ ligi w ta’ ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda “safe and satisfactory”* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et”** [12.5.94] ; "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**" [11.7.94]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [10.5.2002] u ohrajn)[1]”

Issa l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellanti ghaliex kienet tal-fehma illi l-appellanti bl-agir tieghu holoq emergenza subitanea tant illi fixkel lill-parti leza fis-sewqan tieghu biex b’hekk sehh l-iskontru bejn il-vettura misjuqa minn minnu u il-mutur misjuq mill-parti leza.

Issa “*il-kulpa tista’ tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta’ regoli predisposti mill-awtorita` pubbblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta’ hsara u dannu lil terzi, cioe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni.*[2]”

Dan l-insenjament ghandu jigi interpetat illi anke in-non osservanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma ir-regoli u ir-regolamenti li jinsabu fl-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta) u l-High Way Code – Motor Vehicle Regulations, fost regoli ohrajn jistghu allura iwasslu ghall-event dannuz.

Illi indubbjmanet l-imgieba ta’l-appellanti fis-sewqan tieghu kien jippekka fl-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku li ghandhom jigu segwiti minn xufier prudenti meta jkun qieghed juza triq pubblika, specjalment meta din tkun triq arterjali ewlenija u dak is-sewwieq ikun qed jintenta jaghmel manuvra fejn ser ibiddel id-direzzjoni fis-sewqan tieghu. Il-Highway Code ighallimna:

---

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

[2] Il-Pulizija vs aSaverina sive Rini Borg et

**“196. Qabel ma tibdel id-direzzjoni, naqqas il-velocità u ghasses sewwa fuq it-traffiku ta’ warajk billi thares minn gol-mera tieghek**

**197. Qabel ma tibdel id-direzzjoni ghan-naha tax-xellug, zomm kemm tista’ mat-tarf tal-bankina tax-xellug qabel ma ddur. Jekk tixtieq iddur lejn il-lemin, dawwar il-vettura kemm jista’ jkun bi prudenza, ghal nofs it-triq, izda minghajr ma tidhol fin-nofs l-iehor tat-triq. Tigbidx lejn il-lemin qabel ma ddawwar lejn ix-xellug, jew vice-versa**

**199. Qabel tkun se tibdel id-direzzjoni, dejjem ghandek taghmel sinjal ’il fejn tkun trid iddawwar u ghandek tkun zgur li ma hemm l-ebda periklu billi thares fil-mera tieghek. Kun zgur illi l-indicator li juri ’l fejn tkun se ddur jaghti s-sinjal mixtieq u li titfih minnufih wara li ddur.”**

Illi din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, qabilha kellha ix-xorti li tara b’mod vizwali kif l-impatt sehh u dan billi kienet moghnija b’filmat mehud minn camera CCTV ta’ stabbiliment li kien jinsab fil-vicinanzi, fejn huwa bil-wisq evidenti li l-appellanti ma segwa l-ebda wahda minn dawn ir-regolamenti kif hawn fuq imfissra. L-appellanti jigi osservat qieghed inaqqas il-velocita tieghu, jidhol lejn il-genb tat-triq, imbaghad f’daqqa wahda idawwar sabiex jaghmel U-turn u imur lejn il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta. Illi allura gjaldarba l-appellanti iddecieda jaghmel din il-mauvra kemmxejn perikoluza fi triq arterjali fejn it-traffiku ma jieqaf xejn huwa kellu jadopera prudenza u attenzjoni akbar qabel ma jintenta jaqsam mhux biss il-karreggjata tat-traffiku minn fejn kien qed isuq hu izda imbaghad biex jinvadi il-karreggjata tat-traffiku gej minn naha l-ohra tat-triq. Issa mill-filmat esebiet jidher illi l-appellanti naqas fis-sewqan tieghu f’zewg fatturi determinanti, kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti. Fl-ewwel lok jidher car illi qabel ma ghamel din il-manuvra huwa ma xeghelx l-*indicator* u dan kuntrarjament ghal dak li jistqarr fix-xhieda tieghu. Il-filmat juri bic-car illi indikazzjoni tad-dawl ma inxtghelx mis-sewwieq. *Di piu’* jidher illi l-

appellanti saq lejn il-genb tat-triq sabiex b'hekk ta indikazzjoni zbaljata lil-utenti l-ohra tat-triq li kienu gejjien minn warajh dwar l-intenzjoni tieghu li jaqsam lejn in-naha l-ohra tat-triq. Inoltre, wara li dahal lejn il-genb tat-triq lanqas biss jieqaf izda jibqa isuq, ghalkemm bil-mod, idawwar u jaqsam lejn in-naha l-ohra tat-triq. B'hekk fixkel lill-parti leza dwar liema manuvra kien bi hsiebu jaghmel tant illi minn dak li jidher mill-filmat jidher illi l-parti leza lanqas biss irrallenta jew zamm *brake*. Dan jindika illi l-manuvra li ghamel l-appellanti kienet wahda inaspettata ghalih. Illi ukoll il-fatt illi l-appellanti jistqarr illi lanqas biss induna bis-sewwieq tal-mutur gej bid-dritt minn warajh, juri kemm ma kienx attent fis-sewqan tieghu u x'aktarx illi tant kien aljenat biex jara jekk kienx gej traffiku mid-direzzjoni l-opposta sabiex ikun jista' idawwar li nesa jivverifika jekk kienx gej traffiku iehor minn warajh!

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-Professur Anthony Mamo jghid illi:

*"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."*

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti tqies illi ma hemm l-ebda mottiv li jista' igieghla titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti meta fl-apprezzament minnha maghmul tal-provi in atti hija akkolat il-htija kollha ghal dan is-sinistru stradali fuq l-ispalla ta'l-appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur